

Kawża C-461/08

Don Bosco Onroerend Goed BV

vs

Staatssecretaris van Financiën

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden)

“Sitt Direttiva tal-VAT — Interpretazzjoni tal-Artikoli 13(B)(g) u 4(3)(a) —
Trasferiment ta’ art okkupata minn bini parzjalment imwaqqa’ li minfloku għandu
jittella’ bini ġdid — Eżenzjoni mill-VAT”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tad-19 ta’ Novembru 2009 . . . I - 11081

Sommarju tas-sentenza

*Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema
komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet previsti mis-Sitt Direttiva — Eżenzjoni tat-
trasferimenti ta’ bini u tal-art li jinsab fuqha*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikoli 4(3)(a) u 13(B)(g))

I - 11079

L-Artikolu 13(B)(g) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3)(a) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasferiment ta' art li fuqha għad hemm bini mġarraf li għandu jitwaqqa' sabiex jittella' bini ġdid minflok u li t-twaqqiġh tiegħu għal dan l-iskop, li sar mill-bejgiegħ, diġà beda qabel dan it-trasferiment, ma jaqax taħt l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud, dawn it-tranżazzjonijiet ta'

trasferiment u ta' twaqqiġh jiffurmaw tranżazzjoni unika li, b'mod ġenerali, għandha bħala għan mhux it-trasferiment tal-bini eżistenti u tal-art li jinsab fuqha, imma t-trasferiment ta' art li ma hijiex mibnija, u dan indipendentament mill-istadju ta' progress tax-xogħlijiet ta' twaqqiġh tal-bini l-antik fil-mument tat-trasferiment effettiv tal-art.

(ara l-punt 44 u d-dispożittiv)